ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 101

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni

Volum 53

22 ta' April 2010

Werrej

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ... 1

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 2/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE** ... 7

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 3/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ... 9

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 4/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ... 10

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 5/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ... 11

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 6/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ... 12

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 3 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 14

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 8/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 16

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 18

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 10/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 19

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 11/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 21

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 12/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 22

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 13/2010 tad-29 ta' Janner 2010 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 23

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 14/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness XVI (Akkwist) tal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 24

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness XXII (Dritt tal-Kumpanija) mal-Ftehim taż-ŻEE** ..... 25

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 16/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet** 26

MT

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
## Nru 1/2010
## tad-29 ta' Jannar 2010
## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 56/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 394/2008 tat-30 ta' April 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' annimali ta' speċi suxxettibbli mill-projbizzjoni tal-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE [2] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 454/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 998/2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tranżitorju [3] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae [4] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 708/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli mill-projbizzjoni tal-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE [5] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1108/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue u l-kondizzjonijiet biex jiġi eżentat is-semen mill-projbizzjoni ta' ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE [6] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2008 tad-19 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli mill-projbizzjoni tal-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE [7] għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(8) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008 li tissimplifika l-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/426/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 91/496/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, id-Deċiżjoni 2000/258/KE u d-Direttivi 2001/89/KE, 2002/60/KE, u 2005/94/KE [8] għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(1) ĠU L 232, 3.9.2009, p. 4.
(2) ĠU L 117, 1.5.2008, p. 22.
(3) ĠU L 145, 4.6.2008, p. 238.
(4) ĠU L 149, 7.6.2008, p. 3.
(5) ĠU L 197, 25.7.2008, p. 18.
(6) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 17.
(7) ĠU L 344, 20.12.2008, p. 28.
(8) ĠU L 219, 14.8.2008, p. 40.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/404/KE tal-21 ta' Mejju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċertu reġjun amministrattiv fl-Italja huwa uffiċjalment ħieles mit-tuberkulożi bovina u li ċerti reġjuni amministrattivi tal-Polonja huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi bovina enżootika ([1]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/476/KE tas-6 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2008/185/KE biex tinkludi d-dipartimenti ta' Côtes-d'Armor, Finistère, Ille-et-Vilaine, Morbihan u Nord, fi Franza, fil-lista ta' reġjuni ħielsa mill-marda ta' Aujeszky ([2]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/576/KE tal-4 ta' Lulju 2008 li temenda l-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tal-lista tar-reġjuni tal-Polonja uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina ([3]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/655/KE tal-24 ta' Lulju 2008 li tapprova l-pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza kontra l-bluetongue ta' ċerti Stati Membri u li tiffissa l-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-2007 u l-2008 ([4]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/661/KE tal-1 ta' Awwissu 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/182/KE dwar stħarriġ għall-marda ta' tnewwin kroniku fiċ-ċriev ([5]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/674/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/683/KE li tapprova l-pjan għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni tal-Ungerija ([6]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/682/KE tat-18 ta' Awwissu 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/870/KE fir-rigward tal-approvazzjoni tal-pjan għat-tilqim ta' emerġenza kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer fi stabbilimenti b'tilqima li timmarka fir-Rumanija ([7]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/686/KE tal-20 ta' Awwissu 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2005/59/KE dwar żoni fejn il-pjanijiet għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħanżir salvaġġ u l-vaċċinazzjoni ta' emerġenza għall-ħanżir salvaġġ kontra d-deni klassiku għandhom jiġu implimentati fis-Slovakkja ([8]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(17) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/755/KE tal-24 ta' Settembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2005/176/KE li twaqqaf l-għamla kkodifikata u l-kodiċi għan-notifika tal-mard tal-annimali skont id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE ([9]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/816/KE tal-20 ta' Ottubru 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċerti reġjuni amministrattivi tal-Polonja huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkosi enzotika tal-bovini ([10]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(19) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/838/KE tat-3 ta' Novembru 2008 dwar it-tilqim preventiv kontra l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fil-papri mallard fil-Portugall u ċerti miżuri li jirrestrinġu l-movimenti ta' dawn it-tjur u tal-prodotti tagħhom ([11]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(20) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/984/KE tal-10 ta' Diċembru 2008 li temenda l-Anness C għad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE u d-Deċiżjoni 2004/226/KE fir-rigward ta' testijiet dijanjostiċi għal bruċellożi bovina ([12]), kif korretta mill-ĠU L 10, 15.1.2009, p. 35, għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(21) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/988/KE tas-17 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2008/185/KE fir-rigward tal-inklużjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-lista ta' Stati Membri liberi mill-marda Aujeszky u l-Ungerija fil-lista ta' Stati Membri fejn hemm fis-seħħ programm ta' kontroll nazzjonali approvat għal dik il-marda ([13]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(22) Ir-Regolament 2008/504/KE iħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 93/623/KEE ([14]) u 2000/68/KE ([15]) li huma inkorporati mal-Ftehim u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim.

(23) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-annimali ħajjin għajr il-ħut u l-annimali tal-akwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma tapplikax għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Ftehim.

(24) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Iżlanda u għal-Liechtenstein,

([1]) ĠU L 141, 31.5.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 163, 24.6.2008, p. 34.
([3]) ĠU L 183, 11.7.2008, p. 40.
([4]) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 66.
([5]) ĠU L 215, 12.8.2008, p. 8.
([6]) ĠU L 220, 15.8.2008, p. 30.
([7]) ĠU L 222, 20.8.2008, p. 9.
([8]) ĠU L 224, 22.8.2008, p. 13.
([9]) ĠU L 258, 26.9.2008, p. 72.
([10]) ĠU L 283, 28.10.2008, p. 46.
([11]) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 40.
([12]) ĠU L 352, 31.12.2008, p. 38.
([13]) ĠU L 352, 31.12.2008, p. 52.
([14]) ĠU L 298, 3.12.1993, p. 45.
([15]) ĠU L 23, 28.1.2000, p. 72.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 394/2008, 454/2008, 504/2008, 708/2008, 1108/2008 u 1304/2008, id-Direttiva 2008/73/KE u d-Deċiżjonijiet 2008/404/KE, 2008/476/KE, 2008/576/KE, 2008/655/KE, 2008/661/KE, 2008/674/KE, 2008/682/KE, 2008/686/KE, 2008/755/KE, 2008/816/KE, 2008/838/KE, 2008/984/KE, kif korretta mill-ĠU L 10, 15.1.2009, p. 35, u 2008/988/KE fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Jannar 2010, sakemm n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

*ANNESS*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE) fil-Parti 1.1, punti 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE) u 2 (Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE), fil-Parti 2.1, punti 3 (Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE), 4 (Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE), 6 (Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE), 9 (Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE), 9a (Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE) u 9b (Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE) fil-Parti 3.1, punti 1 (Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE), 2 (Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE), 3 (Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE), 4 (Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE), 6 (Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE), 7 (Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE), 8 (Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE) u 9 (Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 4.1, punt 54 (Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE) fil-Parti 4.2 u punti 2 (Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE), 3 (Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE), 5 (Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE), 6 (Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE), 7 (Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE) u 15 (Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 8.1:

   "— **32008 L 0073**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008 (ĠU L 219, 14.8.2008, p. 40)."

2. Li ġej għandu jiżdied mal-punti 3 (Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEE), 4 (Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE), 5 (Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE) fil-Parti 2.1 u fil-punt 5a (Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE) fil-Parti 3.1:

   "kif emendat bid-:

   — **32008 L 0073**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008 (ĠU L 219, 14.8.2008, p. 40)."

3. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 10 (Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) fil-Parti 1.1:

   "— **32008 R 0454**: Ir-Regolament (KE) Nru 454/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 (ĠU L 145, 4.6.2008. p. 238)."

4. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fit-test tal-adattament mal-punt 10 (Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) fil-Parti 1.1:

   "(d) Fl-Artikolu 16, il-kelma "in-Norveġja" għandha tiżdied bejn il-kliem "Malta" u "l-Iżvezja";"

5. It-test tal-punt 24 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE) fil-Parti 2.2 għandu jitħassar.

6. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 32 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/427/KE) fil-Parti 2.2;

   "33. **32008 R 0504**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 3).

   Dan l-att m'għandux japplika għall-Iżlanda."

7. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 32 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/176/KE) fil-Parti 3.2:

   "— **32008 D 0755**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/755/KE tal-24 ta' Settembru 2008 (ĠU L 258, 26.9.2008, p. 72)."

8. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 40 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007) fil-Parti 3.2:

   "— **32008 R 0394**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 394/2008 tat-30 ta' April 2008 (ĠU L 117, 1.5.2008, p. 22),

   — **32008 R 0708**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 708/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 (ĠU L 197, 25.7.2008, p. 18),

— **32008 R 1108**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1108/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 17),

— **32008 R 1304**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2008 tad-19 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 28)."

9. Taħt l-intestatura "L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ", l-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 29 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/59/KE) fil-Parti 3.2:

"— **32008 D 0686**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/686/KE tal-20 ta' Awwissu 2008 (ĠU L 224, 22.8.2008, p. 13)."

10. Taħt l-intestatura "L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ", l-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 42 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/683/KE) fil-Parti 3.2:

"— **32008 D 0674**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/674/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 (ĠU L 220, 15.8.2008, p. 30)."

11. Taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ" dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 43 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/870/KE) fil-Parti 3.2:

", kif emendat bid-:

— **32008 D 0682**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/682/KE tat-18 ta' Awwissu 2008 (ĠU L 222, 20.8.2008, p. 9)."

12. Taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ" il-punti li jmiss għandhom jiddaħħlu wara l-punt 44 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/77/KE) fil-Parti 3.2:

"45. **32008 D 0655**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/655/KE tal-24 ta' Lulju 2008 li tapprova l-pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza kontra l-bluetongue ta' ċerti Stati Membri u li tiffissal-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-2007 u l-2008 (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 66).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Iżlanda.

46. **32008 D 0838**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/838/KE tat-3 ta' Novembru 2008 dwar it-tilqim preventiv kontra l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fil-papri mallard fil-Portugall u ċerti miżuri li jirrestrinġu l-movimenti ta' dawn it-tjur u tal-prodotti tagħhom (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 40).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Iżlanda."

13. L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal mal-punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE) fil-Parti 4.1:

"— **32008 D 0984**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/984/KE tal-10 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 38), kif korretta mill-ĠU L 10, 15.1.2009, p. 35."

14. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 70 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32008 D 0404**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/404/KE tal-21 ta' Mejju 2008 (ĠU L 141, 31.5.2008, p. 16),

— **32008 D 0576**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/576/KE tal-4 ta' Lulju 2008 (ĠU L 183, 11.7.2008, p. 40),

— **32008 D 0816**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/816/KE tal-20 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 46)."

15. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 75 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/226/KE) fil-Parti 4.2:

"kif emendat bid-:

— **32008 D 0984**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/984/KE tal-10 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 38), kif korretta mill-ĠU L 10, 15.1.2009, p. 35."

16. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 84 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE) fil-Parti 4.2:

" kif emendat bid-:

— **32008 D 0476**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/476/KE tas-6 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 34),

— **32008 D 0988**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/988/KE tas-17 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 52)."

17. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 84 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE) fil-Parti 4.2:

"85. **32008 R 0504**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 3).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Iżlanda."

18. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 46 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/182/KEE) fil-Parti 7.2:

"kif emendat bid-:

— **32008 D 0661**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/661/KE tal-1 ta' Awwissu 2008 (ĠU L 215, 12.8.2008, p. 8)."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 2/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [2].

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2009 tal-10 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi livelli massimi għall-preżenza ta' koċċidijostati jew istomonostati fl-ikel li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fil-għalf mhux fil-mira [3] għandu jiġi nkorporat mal-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikotossini fl-oġġetti tal-ikel [4] għandu jiġi inkluż fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 152/2009 iħassar id-Direttivi tal-Kummissjoni 71/250/KEE [5] 71/393/KEE [6], 72/199/KEE [7], 73/46/KEE [8], 76/371/KEE [9], 76/372/KEE [10], 78/633/KEE [11], 81/715/KEE [12], 84/425/KEE [13], 86/174/KEE [14], 93/70/KEE [15], 93/117/KE [16], 98/64/KE [17], 1999/27/KE [18], 1999/76/KE [19], 2000/45/KE [20], 2002/70/KE [21] and 2003/126/KE [22] li kienu nkorporati mal-Ftehim għandhom b'hekk jitħassru skont il-Ftehim.

(6) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu II tal-Anness I mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

(1) It-test tal-punti 1zc (Direttiva tal-Kummissjoni 2002/70/KE), 13 (Direttiva tal-Kummissjoni 86/174/KEE), 19 (L-ewwel Direttiva tal-Kummissjoni 71/250/KEE), 20 (It-tieni Direttiva tal-Kummissjoni 71/393/KEE), 21 (It-tielet Direttiva tal-Kummissjoni 72/199/KEE), 22 (Ir-raba' Direttiva tal-Kummissjoni 73/46/KEE), 25 (L-ewwel Direttiva tal-Kummissjoni 76/371/KEE), 26 (Is-seba' Direttiva tal-Kummissjoni 76/372/KEE), 27 (It-tmien Direttiva tal-Kummissjoni 78/633/KEE), 28 (Id-disa' Direttiva tal-Kummissjoni 81/715/KEE), 29 (L-għaxar Direttiva tal-Kummissjoni 84/425/KEE), 30 (Il-ħdax-il Direttiva tal-Kummissjoni 93/70/KEE), 31 (It-tnax-il Direttiva tal-Kummissjoni 93/117/KE), 31c (Direttiva tal-Kummissjoni 98/64/KE), 31f (Direttiva tal-Kummissjoni 1999/27/KE), 31 g (Direttiva tal-Kummissjoni 1999/76/KE), 31h (Direttiva tal-Kummissjoni 2000/45/KE) u 31i (Direttiva tal-Kummissjoni 2003/126/KE) għandhom jitħassru.

(2) Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 1zzzzza (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 403/2009):

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 5.
[2] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 14.
[3] ĠU L 40, 11.2.2009, p. 7.
[4] ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1.
[5] ĠU L 155, 12.7.1971, p. 13.
[6] ĠU L 279, 20.12.1971, p. 7.
[7] ĠU L 123, 29.5.1972, p. 6.
[8] ĠU L 83, 30.3.1973, p. 21.
[9] ĠU L 102, 15.4.1976, p. 1.
[10] ĠU L 102, 15.4.1976, p. 8.
[11] ĠU L 206, 29.7.1978, p. 43.
[12] ĠU L 257, 10.9.1981, p. 38.
[13] ĠU L 238, 6.9.1984, p. 34.
[14] ĠU L 130, 16.5.1986, p. 53.
[15] ĠU L 234, 17.9.1993, p. 17.
[16] ĠU L 329, 30.12.1993, p. 54.
[17] ĠU L 257, 19.9.1998, p. 14.
[18] ĠU L 118, 6.5.1999, p. 36.
[19] ĠU L 207, 6.8.1999, p. 13.
[20] ĠU L 174, 13.7.2000, p. 32.
[21] ĠU L 209, 6.8.2002, p. 15.
[22] ĠU L 339, 24.12.2003, p. 78.

"1zzzzzb. **32009 R 0124**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2009 tal-10 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi livelli massimi għall-preżenza ta' koċċidijostati jew istomonostati fl-ikel li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fil-għalf mhux fil-mira (ĠU L 40, 11.2.2009, p. 7)."

(3) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 31n (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE):

"31o. **32009 R 0152**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1)."

*Artikolu 2*

Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 54zzzzb (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008) fil-Kapitolu XII tal-Anness II mal-Ftehim:

"54zzzzc. **32009 R 0124**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2009 tal-10 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi livelli massimi għall-preżenza ta' koċċidijostati jew istomonostati fl-ikel li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fil-għalf mhux fil-mira (ĠU L 40, 11.2.2009, p. 7)."

*Artikolu 3*

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 124/2009 u (KE) Nru 152/2009 fl-ilsien Iżlandiz u f'dak Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 3/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 123/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/74/KE tas-26 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/55/KE u 2002/57/KE rigward l-ismijiet botaniċi tal-pjanti, l-ismijiet xjentifiċi ta' organiżmi oħra u ċerti Annessi tad-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE u 2002/57/KE fid-dawl ta' żviluppi fl-għerf xjentifiku u teknoloġiku [2] għandha tiġi nkorporata mal-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punti 2 (Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE), 3 (Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE) 12 (Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE) u 13 (Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE) fil-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim:

"— **32009 L 0074**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/74/KE tas-26 ta' Ġunju 2009 (ĠU L 166, 27.6.2009, p. 40)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/74/KE fil-lingwa Iżlandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 7.
[2] ĠU L 166, 27.6.2009, p. 40.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 4/2010

## tad-29 ta’ Jannar 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2009 tal-4 ta’ Diċembru 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta’ ilmijiet minerali naturali ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/163/KE tas-26 ta’ Frar 2009 li temenda d-Deċiżjoni 1999/217/KE fir-rigward tar-reġistru ta’ sustanzi ta’ taħwir użati fi jew fuq oġġetti tal-ikel ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva 2009/54/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 80/777/KEE ([4]) li hi inkorporata mal-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim,

(5) Din id-Deċiżjoni m’għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-Kapitolu XII tal-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-test tal-punt 26 (id-Direttiva tal-Kunsill 80/777/KEE) għandu jitħassar.

(2) Dan l-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54v (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE):

“— **32009 D 0163**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/163/KE tas-26 ta’ Frar 2009 (ĠU L 55, 27.2.2009, p. 41).”

(3) Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 54zzzzc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2009):

“54zzzzd. **32009 L 0054**: Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta’ ilmijiet minerali naturali (ĠU L 164, tat-26.6.2009, p. 45).”

### *Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/54/KE u d-Deċiżjoni 2009/163/KE bl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta’ Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta’ Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 14.
([2]) ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45.
([3]) ĠU L 55, 27.2.2009, p. 41.
([4]) ĠU L 229, 30.8.1980, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 5/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 129/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/135/KE tat-3 ta' Novembru 2009 li tippermetti derogi temporanji għal ċerti kriterji ta' eliġibilità għal donaturi ta' demm sħiħ u ta' komponenti tad-demm stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2004/33/KE fil-kuntest ta' riskju ta' nuqqas ikkawżat mill-pandemija tal-Influwenza A(H1N1) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 15zj (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 658/2007) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II mal-Ftehim:

"15zk. **32009 L 0135**: id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/135/KE tat-3 ta' Novembru 2009 li tippermetti derogi temporanji għal ċerti kriterji ta' eliġibilità għal donaturi ta' demm sħiħ u ta' komponenti tad-demm stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2004/33/KE fil-kuntest ta' riskju ta' nuqqas ikkawżat mill-pandemija tal-Influwenza A(H1N1) (ĠU L 288, 4.11.2009, p. 7)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/135/KE bl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 18.
([2]) ĠU L 288, 4.11.2009, p. 7.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 6/2010

## tad-29 ta’ Jannar 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2009 tal-4 ta’ Diċembru 2009 [1].

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/75/KE tal-24 ta’ Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex tinkludi d-diossidu tal-karbonju bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/77/KE tal-25 ta’ Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l- bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/78/KE tal-25 ta’ Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l- bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/79/KE tat-28 ta’ Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-IPBC bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [5] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Direttiva tal-Kummissjoni 2008/80/KE tat- 28 ta’ Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-melħ tal-potassju tas-cyclohexylhydroxydiazene 1-oxide (K-HDO) bħala sustanza attiva fl-Anness I [6] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/81/KE tad-29 ta’ Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi d- bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha [7] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li jmiss għandu jiżdied mal-punt 12n (id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim:

“— **32008 L 0075**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/75/KE tal-24 ta’ Lulju 2008 (ĠU L 197, 25.7.2008, p. 54),

— **32008 L 0077**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/77/KE tal-25 ta’ Lulju 2008 (ĠU L 198, 26.7.2008, p. 41),

— **32008 L 0078**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/78/KE tal-25 ta’ Lulju 2008 (ĠU L 198, 26.7.2008, p. 44),

— **32008 L 0079**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/79/KE tat-28 ta’ Lulju 2008 (ĠU L 200, 29.7.2008, p. 12),

— **32008 L 0080**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/80/KE tat-28 ta’ Lulju 2008 (ĠU L 200, 29.7.2008, p. 15),

— **32008 L 0081**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/81/KE tad-29 ta’ Lulju 2008 (ĠU L 201, 30.7.2008, p. 46).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttivi 2008/75/KE, 2008/77/KE 2008/78/KE, 2008/79/KE u 2008/80/KE u Deċiżjoni 2008/81/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 30.
[2] ĠU L 197, 25.7.2008, p. 54.
[3] ĠU L 198, 26.7.2008, p. 41.
[4] ĠU L 198, 26.7.2008, p. 44.
[5] ĠU L 200, 29.7.2008, p. 12.
[6] ĠU L 200, 29.7.2008, p. 15.
[7] ĠU L 201, 30.7.2008, p. 46.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Alan SEATTER

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 7/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 506/2007 tat-8 ta' Mejju 2007 li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi jew il-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 465/2008 tat-28 ta' Mejju 2008 li jimponi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93, ir-rekwiżiti tal-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi u l-manifatturi ta' ċerti sustanzi li jistgħu jkunu persistenti, bijoakkumulanti u tossiċi u li huma mniżżlin fl-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistentii [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2008 tat-28 ta' Mejju 2008 li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi u l-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva 2008/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u batteriji u akkumulaturi għar-rimi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi [5] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 30.
[2] ĠU L 119, 9.5.2007, p. 24.
[3] ĠU L 139, 29.5.2008, p. 8.
[4] ĠU L 139, 29.5.2008, p. 10.
[5] ĠU L 327, 5.12.2008, p. 7.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim se jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 12x (id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"kif emendat bi:

— **32008 L 0103**: Id-Direttiva 2008/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 7)."

2. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 12zk (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/681/KE):

"12zl. **32007 R 0506**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 506/2007 tat-8 ta' Mejju 2007 li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi jew il-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 119, 9.5.2007, p. 24).

12zm. **32008 R 0465**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 465/2008 tat-28 ta' Mejju 2008 li jimponi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93, ir-rekwiżiti tal-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi u l-manifatturi ta' ċerti sustanzi li jistgħu jkunu persistenti, bijoakkumulanti u tossiċi u li huma mniżżlin fl-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti (ĠU L 139, 29.5.2008, p. 8).

12zn. **32008 R 0466**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2008 tat-28 ta' Mejju 2008 li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi u l-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 139, 29.5.2008, p. 10)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 506/2007, (KE) Nru 465/2008 u (KE) Nru 466/2008 u d-Direttiva 2008/103/KE, fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar t-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 8/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 134/2009 tas-16 ta' Frar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-Anness XI [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/63/KE tal-20 ta' Novembru 2008 li tiddefinixxi format għas-sottomissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(4)(b)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/321/KE tat-8 ta' April 2009 li tistabbilixxi data ta' skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għal ċerti sustanzi li għandhom jiġu eżaminati skont il-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/322/KE tat-8 ta' April 2009 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi f'Annessi I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq [5] ta' prodotti bijoċidali għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/324/KE tal-14 ta' April 2009 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi f'Annessi I, IA jew IB fid-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq [6] tal-prodotti bijoċidali għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 30.
[2] ĠU L 46, 17.2.2009, p. 3.
[3] ĠU L 23, 27.1.2009, p. 30.
[4] ĠU L 95, 9.4.2009, p. 42.
[5] ĠU L 95, 9.4.2009, p. 44.
[6] ĠU L 96, 15.4.2009, p. 37.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim se jiġi emendat kif ġej:

(1) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 12zc (ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32009 R 0134**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 134/2009 tas-16 ta' Frar 2009 (ĠU L 46, 17.2.2009, p. 3)."

(2) Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 12zn (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2008):

"12zo. **32009 D 0063**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/63/KE tal-20 ta' Novembru 2008 li tiddefinixxi format għas-sottomissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(4)(b)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 23, 27.1.2009, p. 30).

12zp. **32009 D 0321**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/321/KE tat-8 ta' April 2009 li tistabbilixxi data ta' skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għal ċerti sustanzi li għandhom jiġu eżaminati skont il-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 95, 9.4.2009, p. 42).

12zq. **32009 D 0322**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/322/KE tat-8 ta' April 2009 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi f'Annessi I, IA jew IB fid-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 95, 9.4.2009, p. 44).

12zr. **32009 D 0324**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/324/KE tal-14 ta' April 2009 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sostanzi f'Annessi I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 96, 15.4.2009, p. 37)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 134/2009 u d-Deċiżjonijiet 2009/63/KE, 2009/321/KE, 2009/322/KE u 2009/324/KE fil-lingwi Iżlandiżi u Norveġiżi, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment dwar iż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 9/2010

## tad-29 ta’ Jannar 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2009 tat-3 ta’ Lulju 2009 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/36/KE tas-16 ta’ April 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, rigward prodotti kożmetiċi, għall-iskop tal-adattar tal-Anness III tagħhom mal-progress tekniku ([2]), kif ikkoreġuta mill-ĠU L 103, 23.4.2009, p. 30, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE) tal-Kapitolu XVI tal-Anness II mal-Ftehim:

“— **32009 L 0036**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/36/KE tas-16 ta’ April 2009 (ĠU L 98, 17.4.2009, p. 31), kif ikkoreġuta mill-ĠU L 103, 23.4.2009, p. 30.”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/36/KE, kif ikkoreġuti mill-ĠU L 103, 23.4.2009, p. 30, fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta’ Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Taqsima ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta’ Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 29.

([2]) ĠU L 98, 17.4.2009, p. 31.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 10/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 141/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-użu, min-naħa ta' emittenti ta' titoli ta' pajjiżi terzi, tal-istandards nazzjonali tal-kontabbiltà ta' ċerti pajjiżi terzi u l-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjajru biex jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni 2008/961/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/891/KE ([3]) li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha tithassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 23c (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/891/KE) fl-Anness IX tal-Ftehim għandu jinbidel bi:

"**32008 D 0961:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-użu, min-naħa ta' emittenti ta' titoli ta' pajjiżi terzi, tal-istandards nazzjonali tal-kontabbiltà ta' ċerti pajjiżi terzi u l-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjajru biex jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 112)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/961/KE fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment dwar iż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 35.
([2]) ĠU L 340, 19.12.2008, p. 112.
([3]) ĠU L 343, 8.12.2006, p. 96.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar id-Deċiżjoni Nru 10/2010 li tinkorpora d-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/961/KE fil-Ftehim**

"Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-użu, min-naħa ta' emittenti ta' titoli ta' pajjiżi terzi, tal-istandards nazzjonali tal-kontabbiltà ta' ċerti pajjiżi terzi u l-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjajru biex jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom tikkunsidra ċerti Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati ta' pajjiżi terzi bħala ekwivalenti għall-istandards taż-ŻEE u tagħti lil emittenti ta' pajjiżi terzi d-dritt li jħejju r-rapporti finanzjarji konsolidati annwali tagħhom u dawk ta' nofs is-sena skont il-Prinċipji tal-Kontabilità Ġeneralment Aċċettati tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jew il-Kanada, ir-Repubblika tal-Korea jew ir-Repubblika tal-Indja. Din l-inkorporazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hi mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE rigward ir-relazzjonijiet ta' pajjiż terz."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 11/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2008/57/KE tirrevoka, b'effett mid-19 ta' Lulju 2010, id-Direttivi tal-Kunsill 96/48/KE [3] u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] li huma inkorporati mal-Ftehim u li għalhekk iridu jiġu revokati skont l-istess Ftehim b'effett mid-19 ta' Lulju 2010,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt attwali 37d (id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala l-punt 37ca.

2. Dan il-punt li ġej għandu jiġi inserit wara l-punt l-ġdid 37ca (id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "37d. **32008 L 0057**: Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fi ħdan il-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1)."

3. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 42e (id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "kif emendat bi:

   — **32008 L 0057**: Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1)."

4. It-test tal-punti 37a (Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE) u 37ca (Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jitħassar b'effett mid-19 ta' Lulju 2010.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2008/57/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(1) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 42.
(2) ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.
(3) ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6.
(4) ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 12/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-miri tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE tat-22 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-sottosistema tal-kontroll-kmand u tas-sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 42ea (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007):

"42eb. **32009 D 0460**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-miri tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 11)."

(2) Il-punt li ġej għandu jiżdied fil-punt 37i (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE):

"— **32009 D 0561**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE tat-22 ta' Lulju 2009 (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 60)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2009/460/KE u 2009/561/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 11/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 ([4]), liema minnhom ikun l-aktar tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 42.
([2]) ĠU L 150, 13.6.2009, p. 11.
([3]) ĠU L 194, 25.7.2009, p. 60.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.
([4]) Ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 13/2010

# tad-29 ta' Janner 2010

# li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2009/45/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE [3], li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha tiħassar taħt il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test fil-punt 56f (id-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE) tal-Anness XIII tal-Ftehim għandu jinbidel bi:

"**32009 L 0045**: Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).".

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/45/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 42.
[2] ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1.
[3] ĠU L 144, 15.5.1998, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 14/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness XVI (Akkwist) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVI tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 53/2008 tal-25 ta' April 2008 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2008 tat-28 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE u 2004/18/KE dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fir-rigward tar-reviżjoni tas-CPV ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punti 2 (id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 4 (id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 6a (ir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XVI tal-Ftehim:

"— **32008 R 0213**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) No 213/2008 tat-28 ta' Novembru 2007 (ĠU L 74, 15.3.2008, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 213/2008 bl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 223, 21.8.2008, p. 51.

([2]) ĠU L 74, 15.3.2008, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 15/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Anness XXII (Dritt tal-Kumpanija) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 158/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 (1).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 824/2009 tad-9 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 u l-Istandard Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7 (2) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 839/2009 tal-15 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skont l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 (3) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 10ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008) tal-Anness XXII mal-Ftehim:

"— **32009 R 0824**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 824/2009 tad-9 ta' Settembru 2009 (ĠU L 239, 10.9.2009, p. 48).

— **32009 R 0839**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 839/2009 tal-15 ta' Settembru 2009 (ĠU L 244, 16.9.2009, p. 6)."

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 824/2009 u (KE) Nru 839/2009 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(1) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 64.

(2) ĠU L 239, 10.9.2009, p. 48.

(3) ĠU L 244, 16.9.2009, p. 6.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 16/2010

## tad-29 ta' Jannar 2010

## li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 91/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 [1].

(2) Hu xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti mal-Ftehim biex tinkludi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2008/C 319/03 tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea [2],

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

"— **32008 H 1213**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2008/C 319/03 tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea (GU C 319, 13.12.2008, p. 8)."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 277, 22.10.2009, p. 15.

[2] ĠU C 319, 13.12.2008, p. 8.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT